MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 2621/2002

***Golden Gate Company Limited***

***vs***

***Articraft Creative Services Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm328.96) rappresentanti ammont dovut fuq bejgh ta' prodotti *stationery,* liema ammont huwa dovut u dana skond fatturi ndikati fil-prospett anness ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument A.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-14 ta' Ottubru 2002, (annessa ma' l-avviz u mmarkata bhala Dokument B), u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi in

kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm328.96), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-14 ta' Ottubru 2002, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------